# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-25 ta' Marzu 2021

**Rikors Numru : 394/2020 JPG**

**Kawza Numru : 47**

**JF**

**Vs**

**NF**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' JF datat 12 ta' Novembru 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fis-26 ta' Marzu*[1] *tas-sena elf disa' mija tlieta u disghin (26.3.1993), hekk kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A', u minn dan iz-zwieg kellhom tifel, DF illi twieled nhar X, li illum hu llum hu maggorenni, hekk kif jirrizulta mic-ceritfikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati Dok 'B'.*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt iffirmat nhar 19 ta' Mejju tas-sena elfejn quddiem in-nutar Carmel Gafa' hekk kif tidher minn Dok 'C'.*

*Il-partijiet qablu li huma ilhom separati de jure mis-sena 2000 u ghaldaqstant ilhom aktar minn snin separati.*

[1] Vide digriet ta' korrezzjoni datat 25 ta' Marzu 2021, a fol 21.

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li l-partijiet ilhom ghoxrin sena mifrudin.*

*Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju stante li dejjem gie mhallas.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega u ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, il-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija tlieta u disghin (23.05.1993) bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata debitament notifikata fil-5 ta' Jannar 2021, ma ppresentat ebda risposta u ma dehritx, ghaldaqstant hija kontumaci (vide fol 17);

Rat il-fakolta moghtija lill-intimata sabiex tippresenta s-sottomissjonijiet taghha ai termini tal-Art. 158(10) Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, izda din baqghet inadempjenti;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**JF xehed** (vide affidavit fol 6) illi l-partijiet ilhom separati de juri ‘il fuq minn ghoxrin (20) sena. Sostna illi manteniment versu l-intimata qatt ma hallas u dan peress li fil-kuntratt ta’ separazzjoni il-mara kienet ddekadiet mid-dritt taghha li tircievi manteniment mill-attur u l-istess l-attur versu l-intimata. Iddikjara li ma hemm ebda possibilita ta rikonciljazzoni bejniethom stante li ilhom mifrudin ghal hafna snin. Finalment ikkonferma li bin il-partijiet illum hu maggorenni u ma hemm ebda arretrati ta’ manteniment.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f’dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b’kuntratt jew b’sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta’ dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b’talba ta’ żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta’ waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta’ divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta’, jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba’ snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba’ snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-26 ta' Marzu 1993, liema zwieg jgib c-certifikat numru 269/1993 (vide certifikat taz-zwieg Dok A a fol 7). Di piu', jirrizulta illi minn dan iz-zwieg twieled tifel, llum magorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafa nhar id-19 ta' Mejju 2000 (vide Dok B fol 9 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal ferm aktar miz-zmien rikjest mill-ligi.

Il-Qorti tqis illi in vista tal-kontumacja tal-intimata, ma ebda eccezzjoni li ghandha tqanqal *ex officio*;

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib c-certifikat numru 269/1993 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**